MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**CASSAR JOSEPH LL.D.**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2002

Numru 674/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Jason Agius)
**vs**
**Joseph Zammit**

Illum 10 t'Ottubru 2002.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Zammit ta' 28 sena iben Anthony u Mary Rita nee' Zammit, imwieled Pieta' fl-1 ta' Mejju 1074, u joqghod ' Diovina' Triq Guze' Muscat Azzopardi, Qormi detentur tal-karta ta' l-identita numru 239574(M).

Talli:
Fit-13 ta' Awwissu 2002, f'xi hin bejn 4.30p.m u 5.30pm gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja:

1. Volontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi ‘per durata’ fuq il-persuna ta’ Jeremy Borg skond kif iccertifika it-tabib Dr. Michael Spiteri M.D. ta’ l-isptar San Luqa u dan bi ksur ta’ l-Artiklu 216 tal-Kapitolu 9 tal – Ligijiet ta’ Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci publika u l-bon ordni b’ghajjat u glied u dan bi ksur ta’ ksur ta’ Artiklu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra Jeremy Borg sabiex jingurjah, iddejqu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur ta’ l-Artiklu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bi kliem insulenta jew hedded lil Jeremy Borg u dan bi ksur ta’ l-Artiklu 339 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi imbuttajt lil-Jeremy Borg sabiex twegghu jew taghmillu hsara u dan bi ksur ta’ l-artiklu 339 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li Jeremy Borg irrinunzja ghal-dak kollu li hu rinunzjabbli permezz ta’ l-avukat tieghu.

Issibu hati li kkaguna offiza ta’ natura gravi ‘per durata’ u tilliberah mill-akkuzi l-ohra.

Rat l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 kif wkoll l-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat il-kondotta ta’ l-akkuzat u l-fatt li regghet sehhet il-hbiberija bejn il-hati u Jeremy Borg ser tapplika l-ahhar imsemmi artikolu.

Ghalhekk fil-waqt li ssib lill-akkuzat hati qed tilliberah that il-provedimenti ta’ l-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta b’dan li ma jghamilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-llum. Fic-cirkostanzi ma jidhrilhiex li ghanda tapplika l-artiklu 383 tal-kapitolu 9. Il-Qorti qed twissi lill-akkuzat kif trid il-ligi.

(ft) Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera kopja M. Mifsud, BA
Deputat Registratur